# 275. Il-Puntwal

Għax ħajtu kollha
puntwal eżatt;
u dejjem jasal
qabel kulħadd.

Kif il-ħin jasal,
la teħux ħsieb,
dritt daqs Big Ben
tarah fil-bieb.

Iżda kif jasal
ma jkun hemm ħadd,
avolja wasal
mal-ħin eżatt.

Nofs siegħa jqatta'
waħdu waħdien,
ma jafx x'se jagħmel,
jaħseb ħosbien.

Fl-aħħar jitfaċċa
xi ħadd fil-b'għod,
u jibqa' riesaq
bil-mod il-mod,

Fil-bieb jittawwal
biex jara sewwa,
biex jekk hu l-ewwel
ma jidħolx ġewwa,

Jidħol isellem,
u jgħid xi ħlieqa,
u jmur jittawwal
minn ħdejn it-tieqa.

Id-daħk jinstema'
jidwi fil-b'għod,
jaslu erbgħa oħra
bil-mod il-mod.

U jidħku u jidħku
u jiċċajtaw,
u lilu jgħidu:
"Kif diġa haw'?"

Iżda huwa jħares
ftit lejn l-arloġġ,
minflok ma jkellem
lilhom bl-addoċċ.

U jidħku jidħku,
ajma xi ħlew!
donnhom ferħana
illi tard ġew.

Minflok tirrabja,
ja Sur Puntwal,
ħallini niftaħ
t'għajnejk id-dwal:

Ifhimni tajjeb:
Puntwalita'
telf ta' żmien tfisser
bis-serjeta';

Il-ħin ifisser
xi siegħa wara,
min b'dan ma jafx
għax rasu qargħa.